# KUNĊETTI U ĦILIET FL-ISTORJA

## Ktejjeb ta' Riżorsi għall-Għalliema tas-Seba' u t-Tmien Sena




Dipartiment tal-Istorja, Ċentru tal-Kurrikulu, il-Furjana - 2022

Dipartiment tal-Istorja, Ċentru tal-Kurrikulu, il-Furjana.

# Werrej


| | |
|---|---|
| **Kawża u Konsegwenza fl-Istorja** | **1** |
| **Bidla u Kontinwità fl-istorja** | **6** |
| **L-Empatija fl-Istorja** | **11** |
| **Kronoloġija u Sekwenza fl-Istorja** | **15** |
| **Terminoloġija fl-Istorja** | **19** |
| **Sori Primarju u Sekondarji fl-Istorja** | **22** |

# Daħla

F'dan il-ktejjeb sar sabiex iservi ta' gwida prattika għall-għalliema tal-Istorja kif jistgħu iħarrġu lill-istudenti fil-kunċetti u l-ħiliet meqjusa importanti fit-tagħlim tal-Istorja skont is-Sillabu tas-Seba' u t-Tmien Sena mfassal fuq ir-riżultati fil-mira (*learning outcomes*).

Fl-eżami annwali tas-Seba' u t-Tmien Sena mill-2023 'il quddiem, ser ikun introdott taħriġ li jindirizza waħda jew iżjed minn dawn il-kunċetti u ħiliet. L-ammont ta' marki stabilit għal din it-taqsima tal-eżami se jkun bejn 10 u 12-il marka minn total massimu ta' 100 marka. Il-mistoqsijiet inklużi f'dan it-taħriġ se jkunu jkopru biss dawk it-temi jkunu assessjati fl-eżami annwali skont kif magħżula mid-Dipartiment tal-Istorja. Dawn it-temi jkunu magħrfa lill-għalliema permezz ta' ittra ċirkulari fil-bidu tas-sena skolastika.

Permezz li dan il-ktejjeb hu intiż għall-għalliema, it-tweġibiet għall-mistoqsijiet f'dan il-ktejjeb huma immarkati bi sfont isfar.

Raymond Spiteri
Uffiċjal Edukattiv tal-Istorja
Ċentru tal-Kurrikulu, il-Furjana

# Kawża u Konsegwenza fl-Istorja

**Kawżi fl-Istorja għas-Seba' Sena**

**Definizzjoni: X'inhuma 'kawżi fl-istorja'?**

**Kawżi** fl-istorja huma dawk il-ġrajjiet li jseħħu **qabel** u jwasslu għal xi avveniment, żvilupp jew bidla drastika fl-istorja ta' xi pajjiż.

*Eż. Il-qtil ta' Ġulju Ċesri kien **ikkawżat** mill-fatt li grupp ta' Senaturi Rumani ma riduhx isir Impertatur ta' Ruma.*



**Konsegwenzi fl-Istorja għas-Seba' Sena**

**Definizzjoni: X'inhuma 'konsegwenzi fl-istorja'?**

**Konsegwenzi** fl-istorja huma dawk il-ġrajjiet li jseħħu minħabba xi avveniment, żviliupp jew bidla drastika fl-istorja ta' xi pajjiż.

*Eż. Il-qerda tal-belt ta' Kartaġni mir-Rumani kienet **konsegwenza** tar-rebħa tar-Rumani fit-Tielet Gwerra Punika kontra l-Kartaġiniżi.*



# Kawża u Konsegwenza fl-Istorja

**Eżempju għas-Seba' Sena:**

Agħmel sinjal taħt il-kawża għal din il-ġrajja mill-istorja.

*Il-Feniċi kienu jżommu rendikont tal-kummerċ tagħhom mal-ġnus tal-Mediterran.*

(b) bis-saħħa tal-alfabett li kienu vvintaw;
(b) bnew imħażen fejn kienu jerfgħu l-merkanzija;
(ċ) billi jpinġu dak li jbigħu u jixtru fuq il-papirus.



**Eżempju għat-Tmien Sena:**

Agħmel sinjal taħt il-kawża għal din il-ġrajja mill-istorja.

*Ir-Rinaxximent jaf il-bidu tiegħu fl-Italja sa mis-seklu 14.*

(b) l-Italja kienet immexxija mill-Papa;
(b) fl-Italja kien hemm ħafna fdalijiet tal-Griegi u r-Rumani tal-qedem;
(ċ) l-Italja kienet iċ-ċentru ta' imperu kbir.



# Kawża u Konsegwenza fl-Istorja

**Eżempju għas-Seba' Sena**

Immarka (✓) fil-kolonna liema minn dawn is-sentenzi huma KAWŻA jew KONSEGWENZA għal din il-ġrajja mill-istorja ta' Malta:

***Il-waqgħa tal-Gżejjer Maltin f'idejn ir-Rumani fis-sena 218 Q.K.***



| | Kawża | Konsegwenza |
|---|---|---|
| (a) Il-Gżejjer Maltin saru parti mill-Imperu Ruman. | | ✓ |
| (b) F'Tas-Silġ inbena tempju ddedikat lil alla Ġuno. | | ✓ |
| (ċ) Ir-Rumani kienu rebħu Sqallija fl-Ewwel Gwerra Punika. | ✓ | |
| (d) F'Malta beda jintuża l-Latin. | | ✓ |
| (e) Malta bdiet titmexxa mir-Rumani bħala muniċipju. | | ✓ |
| (f) It-Tieni Gwerra Punika bejn Ruma u Kartaġni. | ✓ | |

# Kawża u Konsegwenza fl-Istorja

**Eżempju għat-Tmien Sena**

Immarka (✓) fil-kolonna liema minn dawn is-sentenzi huma KAWŻA jew KONSEGWENZA għal din il-ġrajja mill-istorja ta' Malta:

***Il-miġja tal-Konti Ruġġieru I f'Malta fis-sena-1091 W.K.***



| | Kawża | Konsegwenza |
|---|---|---|
| (c) F'Malta reġgħet bdiet dieħla r-reliġjon Nisranija. | | ✓ |
| (b) Malta kienet f'idejn il-Qadi u l-kbarat Għarab ta' Malta. | ✓ | |
| (ċ) Il-Gżejjer Maltin saru tributarji tal-Konti Ruġġieru. | | ✓ |
| (d) L-Għarab ta' Malta bdew iħallsu l-ħaraġ lill-Konti. | | ✓ |
| (e) Il-Konti Ruġġieru ried juri l-qawwa tiegħu f'nofs il-Mediterran. | ✓ | |
| (f) Il-Konti Ruġġieru kien għadu kemm rebaħ Sqallija minn taħt idejn l-Għarab. | ✓ | |

## Eżempju għas-Seba' Sena

**Qabbel il-konsegwenza mal-ġrajja rispettiva tagħha billi tikteb numri minn 1 sa 5 fil-kolonna tan-nofs.**

| | Ġrajja mill-istorja | 1 sa 5 | Konsegwenza jew Effett |
|---|---|---|---|
| 1 | In-nawfraġju ta' San Pawl f'Malta... | 4 | daħlet il-kitba u spiċċat il-presitorja f'Malta. |
| 2 | L-Għarab jaħbtu għal Malta minn Sqallija... | 5 | Kajjus Verres akkużat quddiem is-Senat Ruman. |
| 3 | Ir-Rumani rebħu l-Battalja ta' Żama qrib Kartaġni... | 2 | tibda l-ħakma Għarbija fuq il-Gżejjer Maltin. |
| 4 | Il-miġja tal-Feniċi f'Malta... | 1 | għallem dwar it-twemmin Nisrani f'Malta. |
| 5 | Insterqu oġġetti prezjużi mit-tempju ta' Ġuno... | 3 | Annibale Barka ħarab lejn l-Eġittu. |

## Eżempju għat-Tmien Sena

**Qabbel il-konsegwenza mal-ġrajja rispettiva tagħha billi tikteb numri minn 1 sa 5 fil-kolonna tan-nofs.**

| | Ġrajja mill-istorja | 1 sa 5 | Konsegwenza jew Effett |
|---|---|---|---|
| 1 | Minħabba l-invenzjoni tal-magna tal-istampar... | 2 | naqset ħafna l-importanza tal-kastelli. |
| 2 | Minħabba l-invenzjoni tal-porvli u tal-kanun... | 3 | twaqqfet id-dejma. |
| 3 | Minħabba l-ħbit tal-furbani Misilmin fuq il-Gżejjer Maltin... | 5 | Karlu V offra l-Gżejjer Maltin lill-Kavallieri. |
| 4 | Minħabba li Kristoforu Kolombu skopra d-Dinja l-Ġdida... | 1 | żied l-interess fil-qari u fil-kotba fl-Ewropa. |
| 5 | Minħabba t-tkeċċija tal-Ordni ta' San Ġwann minn Rodi... | 4 | bdiet l-era tal-kolonjaliżmu mill-Ewropej. |

# X’nifhmu meta ngħidu ‘bidla fl-istorja’?

Ngħidu **bidla** meta jkun hemm bidla kbira fl-għamla, l-użu, il-materjal u t-teknoloġija ta’ oġġetti partikolari matul il-żmien fl-istorja.



**1800**



**2020**

Eżempju 1. Il-bidla bejn ix-xwieni tal-gwerra bil-qlugħ u l-kanuni u l-vapuri tal-gwerra tal-lum b’tagħmir eletroniku u armati bil-missili.



**1960**



**1980**



**2020**

Eżempju 2. Riċevitur tat-telefon bil-wire tas-seklu 20 u riċevitur tat-telefon eletroniku u cordless tal-lum il-ġurnata.

# X’nifhmu meta ngħidu ‘kontinwità fl-istorja’?

Ngħidu **kontinwità** meta jkun hemm ftit jew l-ebda bidla fl-għamla, l-użu, il-materjal u t-teknoloġija ta’ oġġetti partikolari matul il-żmien fl-istorja.

|  1400s |  1900s |
| --- | --- |
| Eżempju 1. Il-martell tal-mastrudaxxa ftit li xejn inbidel fl-għamla, il-materjal u l-użu li dan kellu minn żmien il-medjuevu sal-preżent. | |

|  1900s |  2020 |
| --- | --- |
| Eżempju 2. Il-beritta baqgħet moda u kważi fl-istess għamla minn meta bdiet tintuża għall-ħabta tal-1900 sal-lum il-ġurnata. | |

# Eżempju 1 (għas-Seba' Sena)



Il-Parthenon ta' żmien il-Greċja Antika




Panthenon ta' żmien ir-Rumani

L-istoriċi juru kif l-affarijiet jistgħu matul iż-żmien jinbidlu jew jibqgħu l-istess. Dan il-kunċett huwa magħruf bħala **bidla** jew **kontinwità.**

### Tagħrif dwar il-Parthenon u l-Pantheon

| Il-Parthenon | Il-Pantheon |
|---|---|
| 1. Tempju Grieg iddedikat għall-alla Atena, patruna tal-belt ta' Ateni. | 1. Tempju Ruman iddedikat għall-allat kollha ta' Ruma pagana. |
| 2. Inbena b'forma rettangolari. | 2. Mibni b'forma ċirkulari. |
| 3. Il-binja kważi kollha tikkonsisti minn fillieri ta' tmien kolonni ta' stil Doriku. | 3. Fuq quddiem inbnew fillieri ta' tmien kolonni ta' stil Korintu. |
| 4. Sar kollu mill-irħam fuq pedament tal-franka. | 4. Biex inbena ntuża l-irħam, il-granit, il-konkrit u l-briks. |
| 5. Hemm tmien kolonni biex isostnu l-pedament. | 5. Hemm tmien kolonni biex isostnu l-pedament. |
| 6. Intuża' bħala knisja fil-Medju Evu. | 6. Intuża' bħala knisja fil-Medju Evu. |
| 7. Illum iservi ta' mużew storiku u jżuruh eluf ta' turisti mid-dinja kollha. | 7. Illum jintuża bħala knisja u jżuruh eluf ta' turisti mid-dinja kollha. |

| Ikteb hawnhekk in-numri tas-sentenzi li juru **kontinwità** fl-arkitettura u l-użu tal-Parthenon u l-Pantheon. | Ikteb hawnhekk in-numri tas-sentenzi li juru **bidla** fl-arkitettura u l-użu tal-Parthenon u l-Panthenon. |
|---|---|
| **1, 3, 5, 6** | **2, 4, 7** |

**(Total: 7 marki)**

# Eżempju 2 (għat-Tmien Sena)




**Sors A**
**Mappa ta' Malta ta' Żmien il-Medjuevu**




**Sors B:**
**Mappa ta' Malta fil-preżent**

1. Semmi raħal li nsibuh fi-żewġ mapep ta' Malta. Dingli
2. Xi jfisser dan? Dan juri li Ħad-Dingli kien jeżisti fiż-żmien li saru ż-żewġ mapep.
3. Semmi raħal li jidher biss fil-mappa ta' Sors A. Meleri
4. Xi jfisser dan? Dan ifisser li Meleri kien jeżisti, iżda llum jgħodd bħala 'raħal mitluf'.
5. Liema belt tidher biss fil-mappa ta' Sors B? Il-Belt Valletta
6. Xi jfisser dan?
   Li meta saret il-mappa ta' sors A, il-Belt Valletta kienet għadha ma teżistix.
7. X'differenza tinnota bejn l-għadd ta' bliet u rħula bejn il-mappa ta' sors A u sors B?
   (a) l-għadd ta' rħula baqa' l-istess;
   (b) l-għadd ta' rħula naqas;
   (c) l-għadd ta' rħula żdied.
8. Il-forma ta' Malta fiż-żewġ mapep hi differenti. Dan għaliex:
   (a) Il-forma ġeografika ta' Malta nbidlet ħafna maż-żmien;
   (b) Riedu jfixklu l-għadu;
   (c) Ma kellhomx it-teknoloġija adekwata kif ipinġu mapep preċiżi.
9. B'liema mezz ta' trasport nies barranin kienu jiġu Malta:
   *(a)* fi Żmien il-Medjuevu? bix-xwieni
   (b) fil-preżent. bil-vapuri, bl-ajruplan

**(Total: 10 marki)**

# Eżempju 3 (għas-Sebgħa u t-Tmien Sena)







| Sors A | Sors B | Sors C |
|---|---|---|
| Ikla ġo villa ta' familja sinjura f'Ruma Antika | Ikla f'kastell ta' sid fewdatarju fil-Medju Evu | Ikla bejn il-ħbieb f'ristorant fil-preżent |

1. Innota u ikteb **żewġ** affarijiet li baqgħu jsiru f'dawn l-ikliet fi żminijiet differenti. (6)
   (a) L-ikla kienet issir madwar mejda.
   (b) Il-persuni li qed jieklu qed ikunu servuti minn persuni mqabbda biex jagħmlu dan.

2. Innota u ikteb **żewġ** affarijiet li nbidlu f'dawn l-ikliet fi żminijiet differenti. (6)
   (a) F'sors C il-persuni li qed jieklu jridu jħallsu għas-servizz, l-ikel u x-xorb li jordnaw.
   (b) Il-persuni li qed jieklu f'sorsi A u B huma nobbli u dawk li qed iservuhom huma lsira (sors A) jew qaddejja (sors B).

**(Total: 8 marki)**

# L-Empatija fl-Istorja

**Definizzjoni:** Il-ħila li tpoġġi lilek innifsek fiż-żarbun ta' persuna oħra li għexet fil-passat. Permezz ta' din il-ħila wieħed jipprova jifhem u jesperjenza bl-emozzjonijiet, il-ħajja u l-ġrajjiet li tkun għaddiet minnhom persuna oħra fi żminijiet u sitwazzjonijiet differenti.

## Eżempju 1 (għas-Seba' Sena)



**Riferenza fis-sillabu tas-Seba' Sena**
*Unit Code and Title: HIS 7.4 - Malta Under the Roman Eagle.*

**L-Armata Kartaġiniża taqsam l-Alpi fis-sena 218 Q.K., fit-Tieni Gwerra Punika.**

It-tweġibiet tajba mmarkati bil-lewn isfar.

1.1 L-empatija storika: (2)
   a. tgħinna nifhmu l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet ta' persuna li kienet tgħix fil-passat;
   b. tgħinna nifhmu li hemm verżjoni waħda biss tal-ġrajja;
   c. tgħinna nqiegħdu l-ġrajjiet f'ordni kronoloġiku.

1.2 Il-vjaġġ tal-armata Kartaġinża minn Spanja għall-Italja kien: (2)
   a. ħafif u pjaċevoli;
   b. diffiċli u mimli perikli;
   c. qasir ħafna.

1.3 Kif taħseb li ħassewhom is-suldati ta' Annibale waqt li kienu qed jaqsmu l-Alpi? (2)
   a. mistgħaġba għax kienu qed jaraw il-muntanji;
   b. kuntenti li qed jimxu fil-borra u s-silġ;
   c. kienu qed ibatu l-kesħa u l-perikli tal-għoli.

1.4 X'taħseb li kien l-iktar ħsieb li kien jinkwieta lil Annibale meta beda jitlef parti mill-armata tiegħu fuq l-Alpi? (2)
   a. li ħa jkollu nqas suldati lil min jitma';
   b. li ħa jkun aktar diffiċli li jirbaħ lir-Rumani meta jaslu l-Italja;
   c. li ħa jkollu jagħti l-aħbar ħażina lill-familji tas-suldati li mietu.

1.5 X'diffikultajiet taħseb li kellhom il-Kartaġiniżi biex jaqsmu l-Alpi bl-iljunfanti li kellhom fl-armata tagħhom? Din id-darba inti mitlub tagħżel **it-tweġiba l-ħażina.** (2)
   a. Kien iktar diffiċli li jgħaddu minn passaġġi dojoq fil-muntanji;
   b. Riedu jġorru kwantità kbira ta' ikel biex jitimgħuhom;
   c. Riedu jibnu tined kbar għal dawn l-annimali.

**(Total: 10 marki)**

# Eżempju 2 (għas-Seba' Sena)

**Riferenza fis-sillabu tas-Seba' Sena**
*Unit Code and Title: HIS 7.3 - The Roman Eagle spreads its wings*

|  |  |  |  |
|---|---|---|---|
| **A**. Gladjaturi | **B**. Imperatur | **C**. Leġjunarju | **D**. Skjavi |

**1. Għal-liema karattru fi żmien Ruma tal-Qedem jirreferu dawn is-sentenzi? Ikteb l-ittra tal-karattru li jidhru fl-istampi ħdejn is-sentenza li taqbel.**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Nagħmel minn kollox sabiex fl-amfiteatru nibqa' ħaj. | A |
| 2. | Jekk sidi jkollu qalbu tajba, ħajti ma tkunx ta' tbatija kbira. | D |
| 3. | Nagħmel il-liġijiet kif nixtieq jien. | B |
| 4. | Jibagħtuni f'partijiet differenti tal-imperu biex inżomm l-ordni. | C |
| 5. | Jiena popolari ħafna u nagħti spettakli lill-pubbliku fil-Kolossew. | A |
| 6. | Ngħix ħajja ta' lussu f'Ruma u niltaqa' mas-Senaturi Rumani. | B |
| 7. | Jien obbligat nagħmel ix-xogħol kollu li jqabbduni bla ħlas. | D |
| 8. | Niġġieled f'battalji biex l-Imperu Ruman ikompli jikber. | C |
| 9. | Nibqa' mmexxi l-imperu sakemm xi ħadd joħodli posti. | B |
| 10. | Nies bħali ġieli jaqdfu fuq ix-xwieni jew jaħdmu fil-minjieri. | D |

**(Total: 12-il marka)**

# Eżempju 3 (għas-Seba' Sena)

**Riferenza mis-Sillabu tat-Tmien Sena**
*Unit Code and Title: HIS 8.5 - The Crusading Movement and the Origins of the Order of St John 1530*

g



**L-Assedju fuq il-Belt t'Akri fl-1291.**

**Immarka b'(√) min seta' kien qed jgħid dawn l-affermazzjonijiet. Xi sentenzi japplikaw kemm għal dawk li qed jattakkaw (Kolonna A) kif ukoll għal dawk li qed jiddefendu (Kolonna D) l-belt ta' Akri.**

| | | A | D |
|---|---|---|---|
| a. | Is-swar jgħinuna niddefendu Akri mill-għoli. | | √ |
| b. | Irridu slielem twal u katapulti biex nirbħu din il-belt. | √ | |
| c. | Din hi l-aħħar belt li baqalna f'idejna fl-Art Imqaddsa kollha. | | √ |
| d. | Għandna bżonn iżjed armi u suldati friski biex nirbħu. | √ | √ |
| e. | La nirbħu din il-belt, se nisirqu dak li kollu li nsibu. | √ | |
| f. | Is-sħana tagħmilha ferm diffiċli li niġġieldu għal ħin twil. | √ | √ |
| g. | Jekk jispiċċa l-ikel ikollna mmutu jew inċedu l-belt. | | √ |
| h. | Jekk inċedu, l-għadu aktar iħallina nitilqu mill-belt. | | √ |
| i. | Ftit qed nara tama li se nibqa' ħaj wara din it-taqbida. | √ | √ |

**(Total: 12-il marka)**

# Eżempju 4 (għas-Seba' Sena)

**Riferenza mis-Sillabu tat-Tmien Sena**
*Unit Code and Title: HIS 8.4 - The Dawn of the Modern Age*



**1492: Il-wasla ta' Kolombu fil-Kontinent tal-Amerika**

**1. Wieġeb il-mistoqsijiet kif mitlub.**

1.1 X'setgħu kienu qed jaħsbu l-baħrin ta' Kristoforu Kolombu waqt li kien qed jaqsmu l-Oċean Atlantiku? Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba. (1)

a. Li jiltaqgħu ma' maltemp qawwi u li setgħu jegħrqu;
b. Li jaslu fit-tarf tad-dinja u jaqgħu għal isfel;
c. Li jispiċċalhom l-ikel u l-ilma għall-vjaġġ lura lejn id-dar;
d. It-tweġibiet a, b u c.

1.2 Agħti aġġettiv li jiddeskrivi kif seta' ħassu Kristoforu Kolombu meta ra u niżel l-art li kien għadu kemm skopra. Għid għaliex taħseb li ħassu hekk.

(i) Aġġettiv: Ferħan (1)

(ii) Raġuni għaliex seta' ħassu hekk:

Għax rnexxielu jwettaq il-ħolma tiegħu wara tant qtigħ il-qalb. (2)

1.3 Kif setgħu ħassewhom l-Ewropej għall-fatt li huma kellhom armi tan-nar?

Ħassewhom superjuri u li se jirbħu żgur. (2)

1.4 Għaliex taħseb li n-nattivi tal-Amerika offrew xi rigali lill-Ewropej?

Biex juru rispett lejn l-alla li ħasbu li qasam il-baħar. (2)

**(Total: 8 marki)**

# Kronoloġija u Sekwenza għas-Seba' Sena

**Il-frażi 'sekwenza kronoloġika' u 'riga taż-żmien' tirreferi għall-ġrajjiet fl-istorja kif ikunu seħħew wara xulxin skont iż-żmien.**

**Riferenza mis-sillabu tas-Seba' Sena:** *Unit Code and Title: HIS 7.3 The Roman Eagle spreads its wings*

**Qiegħed l-ittri minn A sa F ta' dawn il-ġrajjiet mill-istorja ta' Ruma Antika fil-post propju tagħhom fuq ir-riga taż-żmien.**








| | | |
|---|---|---|
| **A** | 753 Q.K. | Il-leġġenda li tirrakkonta t-twaqqif tal-belt ta' Ruma. |
| **B** | 509 Q.K. | Ruma ssir repubblika mmexxija mis-Senat. |
| **C** | 27 Q.K. | Awgustu Ċesri jsir l-ewwel Imperatur Ruman. |
| **D** | 286 W.K. | L-Imperatur Djokjezjani jaqsam l-Imperu Ruman fi tnejn. |
| **E** | 323 W.K. | It-twemmin Nisrani jsir ir-reliġjon uffiċjali tal-Imperu Ruman. |
| **F** | 476 W.K. | Il-Belt ta' Ruma taqa' f'idejn il-Goti. |




Q. K. (Qabel Kristu)
B.C. (Before Christ)

W.K. (Wara Kristu)
A.D. (Anno Domini)

# Kronoloġija u Sekwenza għat-Tmien Sena

**Il-frażi 'sekwenza kronoloġika' u 'riga taż-żmien' tirreferi għall-ġrajjiet fl-istorja kif ikunu seħħew wara xulxin skont iż-żmien.**

**Riferenza mis-sillabu tat-Tmien Sena:** *HIS 8.5 The Crusading Movement and the Origins of the Order of St John to 1530*

**Qiegħed l-ittri minn A sa F ta' dawn il-ġrajjiet mill-istorja ta' Ruma Antika fil-post propju tagħhom fuq ir-riga taż-żmien.**







| | | |
|---|---|---|
| **A** | c.1050 | It-Torok jirbħu l-Art Imqaddsa. |
| **B** | 1095 | Il-Papa Urbanu II jsejjaħ lill-Insara biex jeħilsu l-Art Imqaddsa mit-Torok. |
| **C** | 1099 | L-Ewwel Kruċjata tirbaħ Ġerusalemm minn idejn it-Torok. |
| **D** | 1187 | Is-Sultan Saladin rebaħ Ġerusalemm lura minn idejn il-kruċjati. |
| **E** | 1204 | Konstantinopli tintrebaħ mir-Raba' Kruċjata. |
| **F** | 1291 | Akri, l-aħħar belt tal-kruċjati fl-Art Imqaddsa, tintrebaħ mit-Torok. |

1000 1025 1050 1075 1100 1125 1150 1175 1200 1225 1250 1275 1300




W.K. (Wara Kristu) - A.D. (Anno Domini)

# Kronoloġija u Sekwenza għas-Seba' Sena

1. **Fil-kaxxi mmarki bl-ittra X għażel mil-lista ta' hawn taħt iċ-ċiviltà ta' dawn il-persunaġġi mill-istorja. (5 marki)**
2. **Fil-kaxxi mmarkati bl-ittra Y niżżel iż-żmien li fih għexu dawn il-persunaġġi. Agħti numru 1 għall-persunaġġ l-aktar antik u n-numru 5 għall-persunaġġ l-inqas antik. (5 marki)**

| **Ċiviltà** |
|---|
| • Rumana |
| • Eġizzjana |
| • Griega |
| • Punika |
| • Biżantina |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
|  Annibale Barka |  Ċesri Awgustu |  Perikles |  Ġustinjanu I il-Kbir |  Ramses II |
| **X** Punika | **X** Rumana | **X** Griega | **X** Biżantina | **X** Eġizzjana |
| **Y** 3 | **Y** 4 | **Y** 2 | **Y** 5 | **Y** 1 |

# Kronoloġija u Sekwenza għat-Tmien Sena

**Ta' liema seklu huma dawn l-armaturi ta' dawn il-kavallieri taż-żmien il-Medju Evu. Ikteb is-seklu t-tajjeb mit-tabella ta' hawn taħt fil-kaxxa taħt kull kavallier. (10 marki)**

| | |
|---|---|
| Seklu 11 | 1001 – 1100 W.K. |
| Seklu 12 | 1101 – 1200 W.K. |
| Seklu 13 | 1201 – 1300 W.K. |
| Seklu 14 | 1301 – 1400 W.K. |
| Seklu 15 | 1401 – 1500 W.K. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
|  |  |  |  |  |
| Seklu 15 | Seklu 14 | Seklu 12 | Seklu 11 | Seklu 13 |

# It-Terminoloġija fl-Istorja

Fit-tagħlim tal-istorja spiss niltaqgħu ma' għadd ta' termini jew frażijiet li japplikaw għal temi jew perjodi partikolari fl-istorja. Hawn taħt hawn żewġ eżempji.

### Eżempju 1 (għas-Seba' Sena)

Immarka (✓) l-kolonna fejn japplikaw l-aktar dawn it-termini jew frażijiet ma' dawn l-aspetti mill-istorja: l-Eġizzjani tal-Qedem, il-Gwerer Puniċi u Malta Rumana. (10 marki)

| | | L-Eġizzjani tal-Qedem | Il-Gwerer Puniċi | Malta Rumana |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Il-kitba fuq il-papiru | ✓ | | |
| 2 | Annibale Barka | | ✓ | |
| 3 | Kajjus Verres | | | ✓ |
| 4 | Il-Kappella ta' San Pawl Milqi | | | ✓ |
| 5 | Il-Farawni | ✓ | | |
| 6 | Il-Belt ta' Kartaġni | | ✓ | |
| 7 | It-Tempju ta' Ġuno | | | ✓ |
| 8 | Il-mummifikazzjoni tal-ġisem mejjet | ✓ | | |
| 9 | Il-mużajk fid-*Domus* Rumana | | | ✓ |
| 10 | Il-Battalja ta' Żama | | ✓ | |

### Eżempju 2 (għat-Tmien Sena)

Immarka (✓) l-kolonna fejn japplikaw l-aktar dawn it-termini jew frażijiet ma' dawn l-aspetti mill-istorja: in-Normanni, is-sistema fewdali u Malta fil-Medju Evu. (10 marki)

| | | In-Normanni | Is-sistema fewdali | Malta fil-Medju Evu |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Il-Tapizzerija ta' Bayeaux | ✓ | | |
| 2 | Il-Kastellimar (*Castello a mare*) | | | ✓ |
| 3 | Is-sidien fewdatarji | | ✓ | |
| 4 | Ir-Re Ruġġieru II ta' Sqallija | ✓ | | |
| 5 | Ir-Reġju Demanju tar-Re ta' Franza | | ✓ | |
| 6 | Il-Battalja ta' Hastings | ✓ | | |
| 7 | Il-Kaptan tal-Virga | | | ✓ |
| 8 | Iċ-ċensiment tal-Abbati Ġilbertu | | | ✓ |
| 9 | Il-fewdu | | ✓ | |
| 10 | Id-dejma | | | ✓ |

# Eżempju 3 (għas-Seba' Sena)

**Agħmel sinjal taħt it-tifsira t-tajba għal dawn it-termini jew frażijiet li niltaqgħu magħhom fl-istorja. (10 marki)**

1. *Il-Piramidi ta' Giża:*
   (a) Palazzi li nbnew u kienu jintużaw mill-Farawni;
   (b) Fortizza tal-Eġizzjani tal-Qedem;
   (c) Oqbra monumentali fejn indifnu xi Farawni Eġizzjani.

2. *Iċ-Ċippus:*
   (a) Munita ta' żmien il-Feniċi li nstabet f'Malta;
   (b) Il-laqam li bih kien magħruf l-Avukat Ċiċerun li jissemma fil-każ ta' Kajju Verres;
   (c) Kandilabru tal-ġebel f'kitba bil-Puniku u bil-Grieg li nstab f'Malta.

3. *Is-Senat:*
   (a) Il-Qorti ta' Ruman Antika fil-belt ta' Ruma;
   (b) Kif kien magħruf il-Gvern ta' Malta fi żmien ir-Rumani;
   (c) Il-post mnejn kienet titmexxa Ruma Antika meta din kienet repubblika.

4. *Il-Ħeġira:*
   (a) Il-ktieb qaddis għall-Misilmin;
   (b) Il-ħarba ta' Muħammed minn Mekka għal Medina;
   (c) It-taxxa li Insara taħt l-Għarab kienu obbligati jħallsu.

5. *Megalitiċi:*
   (a) Ġebel kbir li ntuża biex inbnew it-tempji preistoriċi ta' Malta u Għawdex;
   (b) Il-ġebel fis-Senat Ruman li fuqhom kienu mnaqqxa l-liġijiet ta' Ruma;
   (c) Oqbra mħaffrin fil-blat ta' żmien Puniku li nstabu f'Malta.

6. *Ġeroglifiċi:*
   (a) Il-kitba tal-Eġizzjani tal-Qedem;
   (b) L-alfabett tal-Feniċi;
   (c) Il-fdalijiet tar-Rumani f'Kartaġni.

7. *Leġjonarji:*
   (a) Flotta tax-xwieni tar-Rumani;
   (b) Is-suldati fl-armata Rumana;
   (c) Il-gwardja privata tal-Imperatur Ruman.

8. *Agora:*
   (a) Id-daħla li nsibu fit-tempji megalitiċi ta' Malta;
   (b) Il-pjazza ewlenija fil-belt ta' Ruma Antika;
   (c) Il-pjazza ewlenija tal-polis fil-Greċja Antika.

9. *Il-Koran:*
   (a) It-tempju fejn jinġabru l-Misilmin biex jitolbu;
   (b) Il-ktieb qaddis tal-Misilmin;
   (c) Il-liġijiet li għamel Muħammed għall-Misilmin f'Mekka.

10. *Sarkofagu:*
   (a) Tebut fejn kien jitqiegħed il-ġisem tal-mejjet;
   (b) Kaxxa kbira tal-injam fejn kien jitqiegħed it-teżor tal-farawni Eġizzjan;
   (c) L-isem ta' wieħed mill-farawni tal-Eġizzjani tal-Qedem

# Eżempju 4 (għat-Tmien Sena)

**Agħmel sinjal taħt it-tifsira t-tajba għal dawn it-termini jew frażijiet li niltaqgħu magħhom fl-istorja. (10 marki)**

1. *Fewdu:*
   (a) Il-kastell fejn kien jgħix is-sid fewdatarju;
   (b) Biċċa art li r-re kien jagħti lin-nobbli ħbieb tiegħu;
   (c) Tip ta' għasfur tal-priża użat min-nobbli għall-kaċċa fil-Medju Evu.

2. *In-nafra:*
   (a) Tip ta' moħriet li kienu jużaw il-bdiewa fil-Medju Evu;
   (b) Is-sejħa għall-ġlied għall-għassiesa tad-dejma;
   (c) Kamra fir-razzett fejn kienu jaħżnu l-qamħ u l-ġwież għall-annimali.

3. *Il-Ħaġra ta' Majmuna:*
   (a) Ġebla bi skrizzjoni bl-Għarbi fuqha;
   (b) Ġebla li kienet tagħmel parti mill-Kastell t'Għawdex fil-Medju Evu;
   (c) Isem ta' leġġenda ta' żmien il-ħakma tal-Għarab f'Malta.

4. *Knarr:*
   (a) L-alla tal-baħar għall-Vikingi meta dawn kienu għadhom pagani;
   (b) Xabla kbira li kienet tintuża mill-Kruċjati;
   (c) Xini tal-merkanzija wżat mill-Vikingi.

5. *Saraċini:*
   (a) It-Torok tal-Palestina;
   (b) L-Għarab ta' Sqallija fi żmien l-Imperatur Federiku II;
   (c) Twieqi dojoq fil-kastelli medjevali li minnhom kienu jisparaw il-vleġeġ.

6. *Templari:*
   (a) Il-gwarda rjali tar-re Federiku II fi Sqallija;
   (b) Ordni militari ta' kavallieri Franċiżi;
   (c) Ordni reliġjuża li kienet tieħu ħsieb positijiet sagri fl-Art Imqaddsa.

7. *Katapulta:*
   (a) Arma li kienet twaddab il-ġebel waqt assedju jew battalja fil-Medju Evu;
   (b) Arma li kienet tintuża biex tkisser il-bieb ewlieni tal-kastell fil-Medju Evu;
   (c) Tip ta' mannara li kienet tintuża mill-kavallieri waqt il-ġlied.

8. *Assedju:*
   (a) Ħbit għall-għarrieda fuq xi raħal;
   (b) Ħbit fit-tul fuq xi kastell, fortizza jew belt imdawra bis-swar;
   (c) Battalja bix-xwieni fuq il-baħar.

9. *Il-Komun:*
   (a) Ir-rappreżentant tar-re ta' Sqallija f'Malta fis-seklu 15;
   (b) Ġabra ta' liġijiet li kienet toħroġ l-università tal-Imdina fis-seklu 15.
   (c) Il-Gvern li kien imexxi 'l Malta fis-seklu 15.

10. *Krak de Chevaliers:*
    (a) Il-kastell ewlieni li n-Normanni bnew f'Londra wara l-1066;
    (b) Il-kwartier-ġenerali tal-Kavallieri ta' San Ġwann fl-Art Imqaddsa;
    (c) Il-kwartier-ġenerali tat-Templari fi Franza.

# Sorsi Primarji u Sekondarji fl-Istorja

L-istoriċi u l-istudjużi dwar l-istorja jagħmlu użu minn żewġ tipi ta' **evidenza** fir-riċerka tagħhom dwar il-passat.

**Sorsi primarji** jkunu saru qrib il-ġrajja li nkunu qed nitgħallmu dwarha. Taħt din il-kategorija ta' sorsi nsibu, per eżempju: fdalijiet arkeoloġiċi; skrizzjonijiet; djarji; ittri personali; manuskritti; muniti; dokument; kwadri tal-pittura; ritratti; mapep u pjanti antiki; ġrajjiet irrekordjati, eċċ.

**Sorsi sekondarji** jkunu saru ħafna snin wara l-ġrajja li nkunu qed nitgħallmu dwarha. Taħt din il-kategorija ta' sorsi nsibu, per eżempju: kotba u rivisti ippublikati dwar l-istorja; mudelli ta' bini u oġġetti mill-istorja; kopji ta' artifatti mill-istorja; tpinġijiet; charts; films; dokumentarji, eċċ.

## Eżempju 1. Għas-Seba' Sena

Immarka (✓) l-kolonna t-tajba biex turi li taf liema minn dawn huma sorsi primarji jew sorsi sekondarji fl-istorja. (6 marki)

| | Sors | Primarju | Sekondarju |
|---|---|---|---|
| 1 | Iċ-ċippus | ✓ | |
| 2 | Mudell tal-Parthenon ta' Ateni | | ✓ |
| 3 | Ktieb dwar l-Eġizzjani tal-Qedem | | ✓ |
| 4 | Važett tal-fuħħar fil-Mużew tal-Arkeoloġija | ✓ | |
| 5 | Munita tad-deheb tal-Imperatur Ġustinjanu | ✓ | |
| 6 | Tpinjija tal-mużajk tad-*Domus* Rumana fir-Rabat | | ✓ |

## Eżempju 2. Għat-Tmien Sena

Immarka (✓) l-kolonna t-tajba biex turi li taf liema minn dawn huma sorsi primarji jew sorsi sekondarji fl-istorja. (6 marki)

| | Sors | Primarju | Sekondarju |
|---|---|---|---|
| 1 | Ir-rakkont ta' Malaterra dwar il-miġja tal-Konti Ruġġieru | ✓ | |
| 2 | Replika ta' elmu tan-Normanni | | ✓ |
| 3 | Il-Kappella ta' Ħal Millieri | ✓ | |
| 4 | Id-dokument tal-għotja ta' Malta lill-Kavallieri fl-1530 | ✓ | |
| 5 | Mudell ta' kastell medjevali maħdum mill-injam | | ✓ |
| 6 | Dokumentarju tal-*History Channel* dwar il-Vikingi | | ✓ |

## Eżempju 3 Għas-Seba' Sena

Semmi eżempju ta' sors **primarju** (fdalijiet ta' bini jew artifatti) li nassoċċjaw ma' dawn iż-żminijiet fl-istorja. L-ewwel waħda hi mogħtija bħala eżempju. (6 marki)

| | **Żmien fl-Istorja** | **Tip ta' sors primarju** |
|---|---|---|
| 1 | L-Eġizzjani tal-Qedem | Il-Piramidi ta' Giża |
| 2 | Żmien il-Bronż f'Malta | il-fdal tal-villaġġ ta' Borġ in-Nadur |
| 3 | Żmien l-Imperu Ruman | Il-Kolossew f'Ruma |
| 4 | Żmien ir-Rumani f'Malta | Il-Banjijiet Pubbliċi f'Għajn Tuffieħa |
| 5 | Żmien il-Biżantini | Il-Katakombi tad-Dejr |
| 6 | Żmien l-Għarab | Ċimiterju Islamiku wara d-*Domus* Rumana |

## Eżempju 4 Għat-Tmien Sena

Semmi eżempju ta' sors **primarju** (fdalijiet ta' bini jew artifatti) li nassoċċjaw ma' dawn iż-żminijiet fl-istorja. L-ewwel waħda hi mogħtija bħala eżempju. (6 marki)

| | **Żmien fl-Istorja** | **Tip ta' sors primarju** |
|---|---|---|
| 1 | Żmien il-ħakma Għarbija f'Malta | Ċurkett tal-fidda b'kitba bl-Għarbi fuqu |
| 2 | Żmien il-Vikingi | Fdalijiet ta' xwabel użati mill-Vikingi |
| 3 | Żmien in-Normanni | Il-Torri tal-Londra mibni mir-re William I |
| 4 | Żmien il-Kruċjati | Il-fdalijiet tal-Kastell ta' Krak de Chevaliers |
| 5 | Żmien il-fewdaliżmu fl-Ewropa | Fdal ta' moħriet użat mill-bdiewa |
| 6 | Malta fis-seklu 15 | Il-Lista tal-Dejma tal-1419 |

## Eżempju 5 għas-Seba' Sena

Uri liema minn dawn is-sorsi huma primarji jew sekondarji billi tikteb 'primarju' jew 'sekondarju' fil-kaxxa ta' taħt kull sors.

| | |
|---|---|
|  |  |
| 1. Pittura tas-seklu 19 li turi l-qtil ta' Ċesri | 2. Magħsar taż-żebbuġ f'San Pawl Milqi |
| sekondarju | primarju |
|  |  |
| 3. Mudell ta' xini tal-gwerra Ruman | 4. L-Arkata tal-Kostantinu fil-Forum Ruman |
| sekondarju | primarju |
|  |  |
| 5. Disinn ta' spiralli fuq il-ħaġar fil-Mużew tal-Arkeoloġija | 6. Tpinġija ta' suldati Griegi minn ktieb tal-istorja. |
| primarju | sekondarju |

## Eżempju 6 għat-Tmien Sena

Uri liema minn dawn is-sorsi huma primarji jew sekondarji billi tikteb ‘primarju’ jew ‘sekondarju’ fil-kaxxa ta’ taħt kull sors.

| | |
|---|---|
|  |  |
| 1. Replika ta’ elmu Normann | 2. Tpinġija tal-Assedju ta’ Akri tal-1291 |
| sekondarju | sekondarju |
|  |  |
| 3. Manuskritt juri nies morda bil-pesta. | 4. Mappa tal-Port il-Kbir fl-1550 |
| primarju | primarju |
|  |  |
| 5. Parti mit-Tapizzerija ta’ Bayeux | 6. Mudell ta’ kastell medjevali. |
| primarju | sekondarju |

Dipartiment tal-Istorja, Ċentru tal-Kurrikulu, il-Furjana.

Dipartiment tal-Istorja, Ċentru tal-Kurrikulu, il-Furjana.

Dipartiment tal-Istorja, Ċentru tal-Kurrikulu, il-Furjana - 2022